**MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN Nru. 34/2012**
***Kienet addottata Aġenda nru. 29/2012***

**Iltaqa' fil-Bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ**

**Data: It-Tlieta, 18 ta' Settembru 2012**

**Ħin: Fil-5.00 ta' filgħaxija**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sinjura Maria Saliba – Chairperson**
- **Is-Sur Emmanuel Debono – Viċi Chairperson**
- **Is-Sur Victor Refalo – Membru**
- **Is-Sur George Sacco – Membru**
- **Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba – *Ex Officio***
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Is-Sur Joe Zammit kien assenti.

Ippresjediet il-laqgħa ċ-Chairperson is-Sinjura Maria Saliba.

## 1. TALBA

Intqalet talba miċ-Chairperson u ngħata bidu għall-laqgħa.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU. 33/2012

Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 33/2012 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

Iċ-Chairperson talbet għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

Iċ-Chairperson talbet għall-approvazzjoni tal-minuti kif ippreżentata u staqsiet għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu.

Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

## 3. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU. 33/2012

Dwar ilment nru. KAM 33/2012, is-Segretarja Eżekuttiva qalet l-istima li kien għamel il-Perit Scerri biex isiru żewġ *manholes* fi Triq Barda hi €868. Kien miftiehem li tintbagħat *reminder* tat-talba li kienet saret lill-Ministeru għal Għawdex.

## 4. KORRISPONDENZA

Sar il-qari ta' din il-korrispondenza:

Komunikat mibgħut minn Transport Malta dwar l-is*peed limits* approvata għal Marsalforn. Il-Viċi Chairperson oġġezzjona għall-fatt li l-proposta tal-Kumitat ta' 30 km/hr għat-toroq kollha ta' Marsalforn ma kienetx milqugħa. Kien miftiehem li tintbagħat ittra ta' protest lil Transport Malta dwar dan.

Ittra mibgħuta minn Dr Valerie Said dwar l-attivita' Kid's Walk for Charity li se ssir nhar it-30 ta' Settembru 2012. Il-Kumitat qabel li Triq Santa Marija tingħalaq għat-traffiku fil-ħin tal-attivita'. Ma kienetx aċċettata t-talba biex il-Kumitat jiffinanzja l-istampar ta' materjal għal din l-attivita'.

Ittra mibgħuta minn Therese Attard dwar numru ta' *car boot sales* li qed jitolbu biex isiru mill-*car park* ta' Marsalforn. Ma kienx hemm oġġezzjonijiet li jsiru *car boot sales* mill-*car park*.

Ittra ta' Christine Steege dwar diversi *reseved parking bays* fit-toroq ta' Marsalforn. Il-Kumitat iddeċieda li jitlob lil Transport Malta biex tneħħi r-*reserved parking bay* ta' quddiem ir-residenza nru. 6, Triq l-Isqof Pace peress li ma għadx hemm il-bżonn tiegħu.

| **Applikazzjonijiet għall-permess tal-Kunsill Lokali** | **Deċiżjoni meħuda mill-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn** |
| --- | --- |
| (i) Network Publications<br>Obesity Road Show<br>nhar is-6 ta' Ottubru 2012<br>fil-Menqa ta' Marsalforn. | Approvata. |
| (ii) Glass Box Bar<br>Divertiment pubbliku | |

nhar il-21 ta' Settembru 2012
f' Misraħ M' Anġ Refalo. Approvata.

## 5. *OPEN AIR CRAFT CENTRE*

Il-Viċi Chairperson qal l-iskop li jitwaqqaf *open air craft centre* ġewwa Marsalforn hu biex nerġgħu nqajjmu ċertu snajja u tradizzjonijiet li kienu jeżistu f' Marsalforn. Is-Sur Debono ppropona li dan iċ-ċentru jsir fl-inħawi tal-wied Triq il-Wied k/m Triq Lapsi u li ssir tinda permanenti.
Kien miftiehem li s-Sur Debono jagħmel kuntatt ma' Profs Briguglio dwar dan il-proġett biex naraw l-interess li jista' jkun hemm mill-istudenti tal-Universita' ta' Għawdex.

## 6. *MARSALFORN BEACH OF QUALITY*

Is-Segretarja Eżekuttiva qrat dokument ta' l-Awtorita' ta' Malta dwar it-Turiżmu dwar *Blue Flag Beaches / Beaches of Quality*.
Is-Sur Debono qal dawn ir-rekwiżiti jistgħu jintlaħqu. Is-Sur Debono semma s-servizzi tal-Għaqda tas-Salib l-Aħmar u ambulanza mill-isptar.

## 7. BANKINI

Is-Segretarja Eżekuttiva qrat komunikat tal-Perit Scerri dwar il-bankini ta' Triq id-Duluri u Triq il-Munġbell. Gie deċiż li terġa' ssir *site visit* mal-Perit dwar il-punti li semma fil-komunikat tiegħu.
Il-Kumitat qabel li japplika mal-Awtorita' dwar l-Ambjent u l-Ippjanar biex jingħata finanzjament mill-UIF biex isiru bankini ġodda fi Triq il-Munġbell u Triq il-Qbajjar (sa k/m Triq Barda).

## 8. IR-*RAILINGS* TAL-BAJJA TAL-QBAJJAR

Dan l-*item* se jiġi diskuss f' seduta oħra.

## 9. ILMENTI U SUĠĠERIMENTI

Dwar ilment KAM 35/2012 ta' J Attard biex isiru *double yellow lines* fi Triq il-Qolla s-Safra, ġie deċiż li ssir *site visit* qabel tittieħed xi deċiżjoni.

## 10. MATERJA OĦRA

Il-Kumitat qabel li:

- isir *double lines* kantuniera fi Triq il-Forn.

- il-passaġġ tal-injam ta' fuq il-Bajja ta' Marsalforn jinqala' fl-aħħar ġimgħa ta' Settembru; jagħmel ix-xogħol ta' Gam Gam Servs.
- it-tabelli tal-*one way* ta' Triq il-Qbajjar u tal-għeluq tat-toroq ta' Marsalforn jinqalgħu nhar il-25 ta' Settembru.
- isir xogħol ta' kisi bis-siment fi Triq il-Qbajjar (faċċata tal-Forchetta Restaurant).
- fl-ewwel ġimgħa ta' Ottubru, jinqalgħu l-bankijiet ta' fuq il-*front* (sa faċċata ta' Pennellu Restaurant).
- il-Perit jintalab joħroġ stima għal *water culvert* fi Triq il-Munġbell biex l-ilma tax-xita li jżomm fil-bidu ta' Triq il-Wied jintefa' fil-wied.
- titneħħa l-*pedestrian crossing* ta' Triq il-Qbajjar.
- isir *traffic management* għal Triq il-Qbajjar, dik il-parti tat-triq li tiġi quddiem ir-residenza 'Xannah' – issir *site visit* mal-Perit.
- isiru sinjali 'STOP' fi Triq Santa Marija (fit-tarf tat-triq, quddiem il-Bajja tal-Qbajjar) u quddiem il-Forno Restaurant għal min ikun ħiereġ mill-Menqa.

## 11. AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ntemmet fis-7.00 ta' filgħaxija u l-Kumitat Amministrattiv aġġorna *sine die.*

| | |
|---|---|
| **Maria Saliba** | **Diane Tagliaferro** |
| ***Chairperson*** | ***Segretarja Eżekuttiva*** |